Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1791

24.7.2026

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1791**

**tat-23 ta' Lulju 2026**

**li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2017/1151 fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief għall-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali għad-dati tat-tmiem tal-vetturi Euro 6 u ċerti rekwiżiti tekniċi speċifiċi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3) u 14(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jirregola l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet tagħhom. Id-dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ([2]).

(2) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u jiġu żgurati prattiki komuni u armonizzati fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda, l-aħħar dati tar-reġistrazzjoni tal-vetturi Euro 6 jenħtieġ li jidhru fir-Regolament (UE) 2017/1151.

(3) Bl-istess mod, huwa meħtieġ li l-metodoloġija tal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/1151 tiġi allinjata mar-Regolament tan-NU Nru 154 ([4]) dwar il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kejl tal-emissjonijiet tas-$CO_2$.

([1]) ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/715/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1151/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

([4]) Ir-Regolament tan-NU Nru 154 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP), [2022/2124] (ĠU L 290, 10.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2124/oj), serje ta' emendi 02.

(4) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-istandards armonizzati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet attwali f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 154. B'mod speċifiku, għall-ittestjar tal-konformità tal-vettura fir-rigward tal-emissjonijiet evaporattivi u d-dijanjostika abbord, jenħtieġ li tipprevali r-referenza għar-Regolament tan-NUNru 154 għat-test tal-emissjonijiet evaporattivi (test tat-Tip 4) u għas-sistemi dijanjostiċi abbord, u jenħtieġ li jitħassru r-rekwiżiti tal-konformità tal-produzzjoni stabbiliti fil-punti 4.6 u 4.7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1151. L-Annessi I u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġu rettifikati kif meħtieġ.

(5) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-allinjament mal-istandards armonizzati madwar id-dinja, huwa meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet attwali f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 168 ([5]). L-Appendiċi 1 tal-Anness IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġi rivedut biex jiġi żgurat li r-referenzi għas-"Sistema portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet" jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 168. Barra minn hekk, l-Appendiċi 7 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex jirrifletti l-kalkoli tal-korrezzjoni tad-deriva skont il-paragrafu 5.0 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168u l-metodu ta' kalkolu bl-użu tal-fluss tal-massa tal-arja u l-proporzjon tal-arja u l-fjuwil skont il-paragrafu 7.3 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168.

(6) Sabiex tiġi ċċarata l-applikabbiltà tal-kejl tal-potenza tas-sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi, jixraq li jiġi stabbilit li kemm il-potenza netta tal-magna kif ukoll il-potenza massima ta' 30 minuta jenħtieġ li jiġu ddeterminati meta tali sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi jkunu magħmula minn kontrolluri u muturi, li jintużaw bħala l-unika modalità ta' propulsjoni għal parti mill-ħin (vetturi ibridi).

(7) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza u jkun hemm allinjament mar-Regolamenti Nru 154 u Nru 168 tan-NU, jeħtieġ li jiġu kkoreġuti xi żbalji li nstabu fil-forma ta' referenzi komuni żbaljati u li jiġi żgurat l-allinjament kemm tal-Artikolu 2 kif ukoll tal-Annessi I u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 ma' dawk ir-Regolamenti tan-NU.

(8) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2017/1151 jenħtieġ li jiġi emendat u rettifikat kif xieraq.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2017/1151**

l-Annessi I, IIIA u XX tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Korrezzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1151**

L-Annessi IA u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma rettifikati skont l-Anness II għal dan ir-Regolament.

([5]) Ir-Regolament tan-NU Nru 168 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE), [2024/211] (ĠU L, 2024/211, 12.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/211/oj).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

L-Annessi I, IIIA u XX tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 2.4.1, l-Illustrazzjoni I.2.4, l-entrata għal "Emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika" hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika | Iva | Iva | Iva | Iva (9) | Iva (iż-żewġ fjuwils) | Iva (iż-żewġ fjuwils) | Iva (petrol), Iva (9) (idroġenu) | Iva (iż-żewġ fjuwils) | Iva | Iva | Iva | Iva (10)"; |

(b) fl-Illustrazzjoni I.2.4, fil-lista tan-noti tat-tabella, jiżdiedu n-noti tat-tabella (9) u (10) li ġejjin:

"(9) Il-konsum tal-fjuwil biss għandu jiġi ddeterminat meta l-vettura tkun qed taħdem bl-idroġenu.

(10) Il-kejl tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mhuwiex meħtieġ.";

(c) il-punti 4.6. u 4.7 huma mħassra;

(d) fl-Appendiċi 6, it-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

(i) l-entrati EB, EC, AX, AY u AZ huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "EB | Euro 6e-bis | Euro 6-2 | M1, N1 | PI, CI | 1.1.2025 | 1.1.2026 | 28.11.2027 |
| ED | Euro 6e-bis | Euro 6-2 | M1, N1 SVM (3) | PI, CI | 1.1.2025 | 1.1.2026 | 31.12.2027 |
| EB | Euro 6e-bis | Euro 6-2 | M2, N2 | PI, CI | 1.1.2025 | 1.1.2026 | 31.12.2027 |
| EC | Euro 6e-bis-FCM | Euro 6-2 | M1, N1 | PI, CI | | | 28.11.2027 |
| EC | Euro 6e-bis-FCM | Euro 6-2 | M2, N2 | PI, CI | 1.1.2027 | 1.1.2028 | 28.5.2029 |
| EE | Euro 6e-bis-FCM | | M1, N1 SVM (3) | PI, CI | 1.1.2027 | 1.1.2028 | 30.6.2030 |
| EE | Euro 6e-bis-FCM | | M2, N2 SVM (4) | PI, CI | 1.1.2027 | 1.1.2028 | 30.6.2031 |
| AX | m.a. | m.a. | M1, N1 | Batterija kompletament elettrika | | | 28.11.2027 |
| AX | m.a. | m.a. | M2, N2 | Batterija kompletament elettrika | | | 28.5.2029 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AS | m.a. | m.a. | M1, N1 SVM ([3]) | Batterija kompleta-ment elettrika | | | 30.6.2030 |
| AS | m.a. | m.a. | M2, N2 SVM ([4]) | Batterija kompleta-ment elettrika | | | 30.6.2031 |
| AY | m.a. | m.a. | M1, N1 | Ċelloli tal-fjuwil | | | 28.11.2027 |
| AY | m.a. | m.a. | M2, N2 | Ċelloli tal-fjuwil | | | 28.5.2029 |
| AT | m.a. | m.a. | M1, N1 SVM ([3]) | Ċelloli tal-fjuwil | | | 30.6.2030 |
| AT | m.a. | m.a. | M2, N2 SVM ([4]) | Ċelloli tal-fjuwil | | | 30.6.2031 |
| AZ | m.a. | m.a. | Vetturi M1 u N1 li jużaw ċertifikati f'konformità mal-punt 2.1.1 tal-Anness I | PI, CI | | | 30.6.2030 |
| AZ | m.a. | m.a. | Vetturi M2 u N2 li jużaw ċertifikati f'konformità mal-punt 2.1.1 tal-Anness I | PI, CI | | | 30.6.2031"; |

(ii) fil-lista tan-noti tat-tabella, jiżdiedu n-noti tat-tabella ([3]) u ([4]) li ġejjin:

"([3]) Vetturi tal-kategoriji M1 u N1 manifatturati minn manifatturi ta' volum żgħir kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (48), tar-Regolament (UE) 2024/1257 jew minn manifatturi ta' volum żgħir ħafna kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (49), tar-Regolament (UE) 2024/1257.

"([4]) Vetturi tal-kategoriji M2 u N2 manifatturati minn manifatturi ta' volum żgħir kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (48), tar-Regolament (UE) 2024/1257 jew minn manifatturi ta' volum żgħir ħafna kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (49), tar-Regolament (UE) 2024/1257."

(e) fl-Appendiċi 7, l-ewwel inċiż wara l-kliem "Jiċċertifika li" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– It-tipi ta' vetturi elenkati fid-dokument mehmuż ma' dan iċ-Ċertifikat huma f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7 tal-Appendiċi 1 tal-Anness C5 tar-Regolament tan-NU Nru 154 relatati mal-prestazzjoni waqt l-użu tas-sistema OBD fil-kundizzjonijiet kollha ta' sewqan li jkunu raġonevolment prevedibbli.

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 154 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet tal-kriterji, tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-awtonomija elettrika (WLTP), (ĠU L 290, 10.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2124/oj).''; serje ta' emendi 02.

(2) l-Anness IIIA huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu fil-punt 3.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-testijiet tal-PEMS ma għandhomx ikunu meħtieġa għal kull "*tip ta' vettura fir-rigward tal-emissjonijiet*". Diversi tipi ta' vetturi fir-rigward tal-emissjonijiet jistgħu jinġabru flimkien mill-manifattur tal-vetturi biex jiffurmaw "familja tat-test tal-PEMS" f'konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 3.3.1., li għandhom jiġu vvalidati f'konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 3.4.";

(b) l-Appendiċi 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*Appendiċi 1*

Meta ssir referenza għal "Sistema portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet" jew "PEMS", għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 168 (*).

---

(*) Ir-Regolament tan-NU Nru 168 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri u kummerċjali ħfief fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE), [2024/211] (ĠU L, 2024/211, 12.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/211/oj).

(c) l-Appendiċi 7 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 5.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.1. **Korrezzjoni tad-deriva**

Il-korrezzjoni tad-deriva għandha ssir ikkalkolata skont il-paragrafu 5.0 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168."

(ii) il-punt 7.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7.3. **Metodu ta' kalkolu bl-użu tal-fluss tal-massa tal-arja u tal-proporzjon tal-arja mal-fjuwil**

Ir-rata tal-fluss tal-massa istantanja tista' ssir ikkalkolata skont il-paragrafu 7.3 tal-Anness 7 tar-Regolament tan-NU Nru 168.";

(iii) fil-punt 8, il-paragrafu introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-emissjonijiet tal-massa istantanji [g/s] għandhom jiġu ddeterminati billi l-konċentrazzjoni istantanja tal-inkwinant ikkunsidrat [ppm] tiġi mmultiplikata bir-rata tal-fluss istantanja tal-massa tal-egżost [kg/s], it-tnejn li huma kkoreġuti u allinjati għall-ħin ta' trasformazzjoni, u l-valur rispettiv "u" fit-Tabella A7/1. Jekk imkejla fuq bażi xotta, il-korrezzjoni xott-imxarrab f'konformità mal-paragrafu 5.2. għandha tiġi applikata għall-konċentrazzjonijiet istantanji tal-komponenti qabel ma jsir kwalunkwe kalkolu ieħor. Jekk iseħħu, il-valuri tal-emissjonijiet istantanji negattivi għandhom jidħlu fl-evalwazzjonijiet tad-data kollha sussegwenti. Il-valuri tal-parametri għandhom jidħlu fil-kalkolu tal-emissjonijiet istantanji [g/s] kif irrapportati mill-analizzatur, mill-istrument tal-kejl tal-fluss, mis-sensur jew mill-ECU. Għandha tiġi applikata l-ekwazzjoni li ġejja:";

(3) fl-Anness XX, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti biex jitkejlu:

(a) is-saħħa netta tal-magna;

(b) il-potenza netta u potenza massima fuq 30 minuta ta' sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi.

Għas-sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi li huma magħmula minn kontrolluri u muturi li jintużaw bħala l-unika modalità ta' propulsjoni għal parti mill-ħin, ir-rekwiżiti għall-kejl tal-potenza netta u l-potenza massima fuq 30 minuta ta' sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi għandhom japplikaw ukoll flimkien mar-rekwiżiti għall-kejl tal-potenza netta tal-magna.".

*ANNESS II*

L-Annessi I u IIIA tar-Regolament (UE) 2017/1151 huma rettifikati kif ġej:

(1) fl-Anness I, il-punt 3.5.2.2., l-ekwazzjoni hija sostitwita b'din li ġejja:

"$(E) = |(V_2 - V_1)| / V_1$";

(2) fl-Anness IIIA, l-Appendiċi 9 huwa rettifikat kif ġej:

(a) fil-punt 3.1.2., it-tielet ekwazzjoni hija sostitwita b'din li ġejja:

$$“(v \times a)_i = \frac{v_i \times a_i“}{3{,}6};$$

(b) fil-punt 3.1.3.1., ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-għadd ta' settijiet ta' data b'valuri ta' aċċellerazzjoni $a_i > 0{,}1$ m/s$^2$ għandu jkun akbar minn jew daqs 100 f'kull taqsima ta' veloċità.";

(c) fil-punt 4.1.1., "31,365" huwa sostitwit b' "31,635";